MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 569/2003

**Fenici Insurance Agency Limited bhala agenti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Middlesea Insurance Plc u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Paul Spiteri a bazi ta' polza ta' l-assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Paul Spiteri**

**Vs**

**Alfred Vassallo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma t'erba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm482.47c) rapprezentanti danni subiti b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fil-15 ta' Jannar 2003 fil-2.20pm gewwa l-Moll tal-Hatab, il-Marsa bejn il-vettura misjuqa mill-attur Paul Spiteri IBG 137 u l-vettura misjuqa mill-konvenut HAJ 418.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan billi l-incident stradali de quo kien jahti ghalih l-attur.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda ta' Paul Spiteri, PS 860 Keith Caruana, PC 224 Jason Farrugia u tal-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-incident sehh fit-T junction li hemm bejn Triq Fra Diegu u Thimber Wharf il-Marsa. Thimber Wharf (l-orizzontali tat-T) hija dik it-triq li taghti mill-port ghal Triq 13 ta' Dicembru. Fejn tisporgi Triq Fra Diegu (parti vertikali tat-T) hemm il-bini tal-Go Mobile.

Fin-normalita' tal-kazijiet Thimber Wharf hija one-way fis-sens illi tista' tghaddi biss billi titla' mill-port ghal Triq 13 ta' Dicembru, izda dakinhar tal-incident kienet qieghda two-way u kienet ilha xi gimgha tintuza two-way.

Il-konvenut kien hiereg minn Triq Fra Diegu bl-intenzjoni li jaqbad Thimber Wharf u jitla' lejn Triq 13 ta' Dicembru cjoe l-uniku direzzjoni normalment possibli kieku t-triq kienet ghadha one-way. Minn fejn hareg il-konvenut hemm stop sign.

Mill-provi jirrizulta wkoll li l-konvenut qabel ma hareg minn Triq Fra Diegu ma waqafx izda hareg bil-mod u hares biss lejn id-direzzjoni tal-port, cjoe lejn il-lemin tieghu. Huwa ma harisx lejn ix-xellug biex jara jekk it-triq kienetx libera ghax ma basarx li t-triq hija two-way u ghalhekk ma ppretendiex li ser ikun hemm traffiku niezel min-naha tat-Triq 13 ta' Dicembru.

Ghar-rigward tas-sewqan ta' Paul Spiteri jirrizulta li huwa kien niezel minn Triq 13 ta' Dicembru u qabad Thimber Wharf bl-intenzjoni li jinzel lejn il-port.

Huwa kien qed isuq f'nofs it-triq u mill-pozizzjoni kif spiccaw il-vetturi fl-incident jirrizulta li huwa kien pjuttost qed isuq *wrong side* tant illi wara l-incident ma kienx

hemm blockage fit-triq (hlief ghal xi trailer jew xi truck) u dan billi t-traffiku beda jghaddi bejn il-karozza misjuqa minn Paul Spiteri u l-hajt fuq ix-xellug tieghu.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi z-zewg sewwieqa huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni, pero mhux fi grad ugwali, ghar-ragunijiet li ser jinghad.

Fl-ewwel lok fir-rigward tas-sewqan tal-konvenut, jinghad li huwa kien hiereg minn *side road* ghal fuq *main road* u kellu *stop sign* u ghalhekk bhala tali kien obbligat li jieqaf u jesplora t-triq sew qabel ma johrog ghal fuq il-*main road*. Huwa evidenti li huwa m'esplorax sew it-triq qabel ma hareg u ghalhekk kien negligenti fis-sewqan tieghu. Favur tieghu hemm il-fatt li min-naha ta' Triq Fra Diegu ma kien hemm l-ebda sinjali li juru li Timber Wharf kienet saret *two way* u li ma baqghetx *one way* u ghalhekk ma kienx qed jistenna traffiku niezel min-naha ta' Triq 13 ta' Dicembru. Fattur iehor kien li l-attur, kif jinghad aktar 'l quddiem, kien xi ftit wrong side. Illi ghalhekk, ghalkemm il-konvenut jattribwixxi ghall-incident, m'ghandux jerfa' l-piz kollu wahdu.

Difatti, da parti tas-sewqan ta' Paul Spiteri jidher illi biex tidhol minn Triq 13 ta' Dicembru ghal Timber Wharf hija manuvra kerha, skonsiljata u perikoluza. Huwa notorju li Timber Wharf normalment tkun one-way izda dakinhar kienet qed tintuza two-way b'mod eccezzjonali. Ma kien hemm l-ebda pulizija jew warden biex jiggwida t-traffiku. Huwa messu qaghad attent hafna u jaccerta ruhu li jzomm fuq in-naha tieghu tat-triq. Huwa facilment setgha jobsor illi jkun hemm traffiku iehor li ma jkunx konxju li t-triq saret two-way u ghalhekk messu qaghad aktar attent.

L-attur ighid li ma setghax ikun aktar fuq in-naha tieghu tat-triq u li pprova jiehu *evasive action*. Din l-asserzjoni ma tikkombacjax mal-pozizzjoni kif spiccaw il-vetturi wara l-incident. Mill-iskizzi esebiti (tal-Pulizija u tal-assigurazzjoni meta sar il-claim) u anke tenut kont tax-xhieda tal-Pulzija, jidher li l-vettura tal-attur spiccat tipponta lejn in-naha tat-triq tal-konvenut u mhux vice-versa, kif kienet tkun kieku ha *evasive action*. Inoltre, wara l-incident it-traffiku beda

jghaddi bejnu u l-hajt ma gembu fuq in-naha tal-lemin. Huwa minnu li l-attur kellu r-*right of way*, kemm ghax kien fuq it-triq principali (fil-konfront ma' Triq Fra Diegu) kif ukoll ghax kien ghaddej fuq il-parti dritta tat-*T-Junction*. Izda bhala tali xorta kien tenut li jzomm a *proper lookout* u ma jkunx *a main road abuser*. Xorta kien obbligat li jsuq b'mod prudenti u jzomm fuq in-naha tieghu tat-triq.

Jirrizulta minghajr dubju li l-attur kien qed isuq parzjalment wrong side f'inhawi u cirkostanzi li certament dettaw aktar prudenza u dan ghandu jimmilita kontra tieghu. Dan il-fattur ikkontribwixxa wkoll ghall-incident u ghalhekk l-attur ghandu jerfa' ftit mir-responsabbilta' ghalkemm mhux fil-grad li ghandu jerfa' l-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jidhirlu illi r-responsabbilta' tal-incident ghandha tigi apporzjonata kwantu ghal zewg terzi (2/3) kontra l-konvenut u kwantu ghal terz (1/3) kontra Paul Spiteri.

Fir-rigward tal-quantum mitluba jirrizulta illi m'hemmx kontestazzjoni hlief ghal car hire / loss of use. Mis-survey report esebit jirrizulta illi l-vettura ma kellhiex iddum aktar minn (4) erbat ijiem biex tissewwa izda mid-Dokument RM6 a fol 23 tal-process jidher li qed jigi mitlub kumpens ekwivalenti ghal wiehed u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm51.71c). F'dan id-dokument m'hemmx indikazzjoni taz-zmien izda certament it-Tribunal jidhirlu li din l-ircevuta tkopri perjodu aktar minn (4) erbat ijiem u jidhirlu li kumpens f'ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ghal (4) erbat ijiem ghandu jkun sufficjenti.

Ghaldaqstant id-danni reklamati qieghdin jigu likwidati ghal erba' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm455.72c). Billi, kif fuq premess, zewg terzi (2/3) tar-responsabbilta' qieghda tigi attribwita ghall-konvenut, jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlett liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm303.81c).

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni grat tort ta’ l-attur Paul Spiteri u tal-konvenut Alfred Vassallo f’sehem rispettiv ta’ terz : zewg terzi (1/3:2/3) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u tlett liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm303.81c) flimkien ma’ l-interessi kif mitluba. L-ispejjez tal-kawza jkunu kwantu ghal terz (1/3) kontra l-atturi u zewg terzi (2/3) kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------